MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru 999/2009

Il-Pulizija

(Spettur Carlos Cordina)

vs

Clifford Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 319088(m) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fi Vjal ix-Xarolla, Zurrieq:

1. fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Awissu 2009 ghal habta tal-05.00am ikkommetta hsara volontarja fuq vettura numru ta' registrazzjoni HAB 638 ta' ghamla Toyota a detriment ta' Joseph Tabone karta ta' identita' numru 0010261(m), liema hsara teccedi s-somma ta' elf mija tnejn u sittin euro (1162 euro) - ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. irrenda ruhu recidiva b'sentenza li giet mghotija mill-Magistrat Audrey Demicoli LL.D fl-14 ta' Lulju 2009;

3. sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jikkoncernaw hsara volontarja fuq vettura u recidiva. Rigward ta' l-ahhar il-prova hi mankanti. Fuq ta' l-ewwel, ossija l-hsara volontarja, jirrisulta mill-provi li din il-hsara twettqet fuq vettura tal-marka Toyota, numru ta' registrazzjoni HAB 683. Jirrisulta wkoll li l-proprejtarju taghha kien Joseph Tabone titolari ta' karta ta' identita' 0010261. Issa, l-prova li torbot l-imputat mal-hsara hija bazikament l-istqarrija tieghu li huwa irrilaxxja lill-Ispettur Prosekutur Carlos Cordina fit-28 ta' Awissu 2009, ossija sitt tijiem mill-hsara. Sa hawnhekk ma kienx ghadu dahal fis-sehh id-dritt ta' persuna arrestata li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu qabel ir-rilaxx ta' stqarrija. Kazistika fir-rigward qieset tali stqarrijiet inammissibli. Dan il-kaz pero' ghandu fattispecie li jiddiferenzjawh minn kazijiet ohra. Apparti l-fatt li l-imputat ma' jistax jitqies bhala persuna vulnerabbli u dan skond l-ahhar kazistika l-aktar akkreditata, l-parti leza xehdet, mhux kontradetta, li xi jum wara l-misfatt u r-rilaxx tal-istqarrija mill-imputat, l-imputat, fil-presenza ta' missieru, irrikonoxxa li kien hu li kien ghamel l-hsara. Anka ipprometta bl-intercessjoni ta' l-istess missieru li jaghmel tajjeb ghaliha. Imbaghad, fl-istqarrija tieghu l-imputat kien kategoriku fl-ammissjoni tieghu tant li spiega li l-hsara ghamilha bhala att ta' vindikazzjoni minhabba li bint il-parti leza kienet waqfet hesrem ir-relazzjoni li kellha mieghu. L-imputat hawnhekk jistqar li bint l-parti leza ghamlitu din l-azzjoni minghajr raguni u spiegazzjoni.

In kwantu ghal hsara din hi evidenzjata minn ritratti a folio 12 tal-process u kwantifikata minn ricevuta u stima esebiti fil-process folio 10 u 11 rispettivament. L-ammont jirrisulta fis-somma komplessiva ta' 2047 euro import ta' zewg tyres u sprejjar inkluz tax-xoghol.

Fil-kuntest ta' din il-hsara, l-Qorti mhux qeghdha tati rilevanza lill-fatt li l-parti leza iddispona mill-vettura wara xi zmien mill-misfatt, izda tosserva, kif issottometta l-avukat tal-imputat, li l-kont rigwardanti l-istima ma giex konfermat u lanqas l-parti leza ma iddikjara kemm effettivament nefaq biex sewwa sakemm dan ghamlu.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputat hati u wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tiddecidi li tikkundannah sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------